MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2013

Numru. 467/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**Vs**

**Ikil Mahmoud**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta’ Ikil Mahmoud ta’ tletin (30) sena, iben Mohammed u Hamdi, imwieled Syria Homs fit-8 ta’ Marzu 1983 u residenti fl-inhawi tal-Marsa, u detentur ta’ protezzjoni umanitarja temporanja ta’ Malta bin-numru 12309-11, talli f’April 2012 u fix-xhur ta’ wara, f’Malta, nizel f’Malta minghajr ma kellu passaport u minghajr ma ta lill-Ufficjali Principali ta’ l-Imigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Imigrazzjoni jidhirlu xieraq u

mehtieg, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz.

Rat illi l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja u wiegeb li huwa hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat li huwa hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni s-segwenti: ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fatt li llum l-imputat gie koncess protezzjoni umanitarja temporaneja f'Malta, il-fatt li rregistra ammissjoni fi stajdu bikri tal-proceduri u li l-iskop tal-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz huwa iktar li l-imputat ikollu twiddiba u twissija dwar il-fatt li ghandu jirrispetta l-ligijiet u proceduri tal-pajjiz milli li l-istess imputat jinghata piena ta' habs effettiv. Il-Qorti però hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat dahal lura Malta nonostante fil-konfront tieghu kien hemm ordni ta' *ban of entry* fil-pajjiz.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28 u l-Artikolu 32(1)(g) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija, madanakollu peress illi fil-fehma Taghha f'dan il-kaz

jissussistu cirkostanzi li jiggustifikaw is-sospensjoni ta' dan it-terminu ta' prigunerija, ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi t-terminu ta' sena (1) prigunerija ghal perijodu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------